**255. L-Onor. Censu Galea: Ministru għall-Kompetittivita u Komunikazzjoni jipproponi:-**

## Trattat ta' Koperazzjoni dwar il-Privattivi

Illum, 4 ta' Settembru, 2006

Il-Ministru għall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni jipproponi li l-Kamra tar-Rappreżentanti tagħmel din ir-Riżoluzzjoni li ġejja:

"ILLI wara li ġie kunsidrat li fl-20 ta' Ottubru, 1967 Malta saret parti mill-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali u fit-12 ta' Diċembru, 1977 Malta saret membru tal-Għaqda Dinija għall-Protezzjoni tal-Proprjeta Intelletwali;

ILLI wara li ġie kunsidrat li meta ssir l-adezjoni tagħha għal dan it-Trattat, Malta tingħaqad ma' mija u tnejn u tlettin pajjiż ieħor li diġa jinsabu aderiti ma' dan it-Trattat u hekk tkun qegħda tiffaċilita l-protezzjoni ta' l-invenzjonijiet fuq skala internazzjonali;

ILLI wara li ġew kunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati, Kap. 304, u ta' l-artikolu 3(2) ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, Kap. 365;

IL-KAMRA tirrisolvi li tawtorizza l-Gvern biex jaderixxi ghat-Trattat ta' Koperazzjoni dwar il-Privattivi.".

5.9.06